**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 90/2015 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi permezz tal-kawza fuq citata l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ghas-separazzjoni personali ta' bejniethom ;
2. Illi prezentement l-aspett finanzjarju tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet huwa regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, b'dan illi madankollu, u f'dan l-istadju, l-iskop tal-istess komunjoni bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox u dan kif ser jigi debitament spjegat;
3. Illi l-esponenti qieghed jintavola dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta bl-ghan illi dina l-

Onorabbli Qorti, ai termini tal-istess Artikolu, tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

4. Illi l-esponenti jirrileva umilment illi kif stipulat bl-aktar mod inekwivoku fl-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili *'l-qorti tista`, f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda*[1], *fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu that amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin'.*
5. Illi effettivament l-assi tal-komunjoni jikkonsistu biss fid-depoziti bankarji, kongunti u rispettivi tal-partijiet – (salv dawk parafernali), u l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, b'dan illi ghal dak illi jirrigwarda djun hemm biss id-dejn fuq il-fond matrimonjali li jammonta ghal anqas minn tletin elf ewro (€30,000) u li ghaldaqstant huwa ferm anqas mill-valur fis-suq tal-istess fond.
6. Illi ghal dak illi jirrigwarda d-dar matrimonjali, senjatament il-fond 'Edera' Triq Monsinjur Anton Cilia, Zebbug, jigi rilevat umilment illi dina nbiet fuq art parafernali tal-attrici A B, kif ikkonfermat minnha stess fl-atti tal-kawza odjerna, b'dan illi effettivament huwa l-istess esponenti li ghandu kreditu f'dan ir-rigward ghal diversi spejjez u xogholijiet inkorsi fuq l-istess fond, kemm qabel u matul iz-zwieg, inkluz id-dejn fuq imsemmi ikkuntrattat mill-partijiet u li dejjem thallas regolarment, u prattikament fl-intier tieghu, mill-esponenti. F'dan ir-rigward l-esponenti umilment jirrileva li huwa diga` kien ipprezenta l-prova dokumentarja relattiva in konnessjoni mal-hlas tal-*home loan*, fl-ahhar risposta tieghu ghar-rikors tal-attrici tal-15 ta' Ottubru 2015, liema dokument jinsab fil-process immarkat bhala Dok. EB7.
7. Illi ulterjorment l-esponenti dejjem hallas b'mod regolari l-manteniment ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti favur uliedu minuri u dan kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi li diga` gew esebiti fil-kors tal-proceduri odjerni u li jinsabu fil-process immarkati bhala Dok. T sa Dok. Z3, b'dan illi f'dan ir-rigward l-esponenti qieghed jannetti wkoll il-kumplament tar-ricevuti li jikkonfermaw il-pagamenti kollha mensili ta' manteniment effetwati minnu sallum, liema dokumenti addizzjonali qed jigu issa esebiti u mmarkati bhala Dok. A1 sa Dok. A4.
8. Illi l-esponenti jirrileva ulterjorment illi kemm hu kif ukoll l-attrici intavolaw mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' xulxin, b'dan illi in segwitu ghall-istess mandati jirrizultaw ukoll, mic-cedoli relattivi, d-depoziti bankarji rispettivi tal-partijiet.

[1] Enfazi Mizjud

9. Illi ghaldaqstant, u fid-dawl tas-suespost, ma hu ser jigi kkawzat l-ebda tip ta' pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55 (4) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi sakemm tigi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet permezz tal-kawza odjerna, jkun opportun illi l-istess kommunjoni tigi tterminata minnufih sabiex, minflok, il-partijiet jaddottaw ir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-assi.

Talab in vista tal-premess sabiex  l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tordna l-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Tordna li tali sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55(5) tal-imsemmi Kapitolu 16; u
3) Tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat it-twegiba tal-intimata li permezz taghha eccepiet :

Illi hi topponi ruhha ghat-talba ta' C B ghac-cessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minhabba li jekk tintlaqa` din twassal ghal rizultat ingust u inekwu kif ser jigi spjegat.

L-esponenti qeghda f'sitwazzjoni fejn :

1. Hi impjegata mal-Gvern bhala radiographer b'sieghat imnaqqsa, sabiex tkun tista` tiehu hsieb iz-zewgt itfal tal-koppja u ghalhekk ghandha paga ferm inqas minn dak li jaqla` ir-rikorrent Emmanuel B li jahdem full time mal- HSBC Bank Malta plc.
2. Illi minhabba li hi qeghda tahdem sieghat imnaqqsa, hi qeghda ticcahhad mill-possibilita` li taqla ghaliha salarju ferm oghla minn dak prezenti.
3. Matul il-kawza ta' separazzjoni hi ma tircevix manteniment minghand ir-rikorrent ghaliha, izda <u>tiehu biss manteniment ghal uliedhom.</u>
4. Illi d-dar konjugali hi proprjeta` parafernali taghha, u li r-rikorrent ghadu jghix go din id-dar.

Bhala rizultat ta' din is-sitwazzjoni, l-uniku mod illi r-rikorrent qed jaghmel tajjeb ghal fatt li hu jokkupa dar li m'ghandu l-ebda titolu fuqha, u jirrikonoxxi il-fatti illi l-esponenti taghmel zewg jobs, cioe` part-time radiographer u omm ta' zewgt itfal, hu li almenu dak li jaqla hu minn xogholu ikun a beneficcju tal-koppja u mhux ghal beneficcju tieghu biss.

Diversament, jekk tintlaqa` t-talba tar-rikorrent, li jigri jkun li r-rikorrenti jkun qed jghix kera frank go dar li mhix tieghu minghajr ma jaghti l-icken kontribut biex jikkompensa ghal dan il-fatt, u jkollu servizzi ta' babysitter gratis ukoll.

Hija massima gejja mid-Dritt Ruman li *nemo locupletari licet cum aliena iactura* jew bil-vernakolar, hadd ma jista` jirkeb jew jistaghna minn fuq dar haddiehor, u jkun precizament dan illi jsehh kemm il-darba jirnexxi ir-rikors odjern.

Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li dak li jippercepixxi millum 'l quddiem hu tieghu biss, minghajr ma jaghmel tajjeb ghall-fatt li hu qed jghix fi hwejjeg haddiehor, u li haddiehor qed jircievi salarju mnaqqas sabiex ikun jista` jehodlu hsieb uliedu. Jekk irid ic-cessazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ir-rikorrent jew irid jizgombra mid-dar konjugali jew ikun lest illi jhallas nofs il-valur lokatizju tad-dar tal-esponenti, u jrid jikkumpensa lill-esponenti tat-telf ta' parti mis-salarju taghha mill-liema telf qed jarreka beneficcju ghalih.

Izda minn dan kollu ma semma xejn ir-rikorrent. Minflok qaghad jippontifika fuq punti ohrajn ta' skarsa rilevanza. Il-verita` hi wahda. Dan hu l-ennezimu tentattiv tar-rikorrent biex jara kif ser jehles mill-mandat ta' sekwestru numru 237/14 li dwaru ghamel diversi rikorsi li kollha gew michudin. Dan hu tentattiv biex jiehu l-istess rizultat b'mod iktar mistur u bizantin.

Ghalhekk hi s-sottomissjoni tal-esponenti li t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba min-naha tar-rikorrenti C B biex, pendenti l-kawza bejn il-partijiet, tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti

ezistenti bejn il-partijiet. Illi l-intimata min-naha taghha qeghda topponi peress li skond hi, se ssofri minn pregudizzju mhux proporzjonat jekk il-Qorti tordna tali waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Illi l-Qorti hija marbuta permezz ta' l-Artikolu 55(4) li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwist, tezamina u tara jekk xi parti jew ohra tkunx sejra tbati xi pregudizzju  mhux proporzjonat b'tali  waqfien pendenti l-kawza.

Il-Qorti ser taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet, *Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi* (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Marzu 2014) u tikkwota s-segwenti,

*"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser isofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-*

*oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Illi dak li qalet il-Qorti ta' l-appell citat hawn fuq japplika ghar-rikors odjern li ghandha quddiemha l-qorti u dan peress li min ikun qed jallega li ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jgib tali prova. Ghaldaqstant l-intimata fir-risposta taghha qalet li qeghda topponi ghat-talba tar-rikorrenti peress li hi ghandha inqas paga mir-rikorrenti peress li tahdem bis-sighat imnaqqsa, kif ukoll peress li mhix tircievi manteniment ghaliha nfisha izda qed tircievi biss manteniment ghal ulied il-partijiet, u peress illi d-dar konjugali hija d-dar parafernali taghha u r-rikorrenti ghadu jghix fiha u ghalhekk, kif tghid hi, *"hadd ma jista' jirkeb jew jistaghna minn fuq dar haddiehor, u jkun precizament dan li jsehh kemm il-darba jirnexxi ir-rikors odjern."*

Fil-fehma tal-Qorti, l-osservazzjonijiet li ghamlet l-intimata fir-risposta taghha jinpingu fuq il-mertu tal-kaz u mhux fuq ir-rikors odjern, u l-mertu mhux se jigi deciz f'dan l-istadju ghaliex il-provi ta' din il-kawza ghadhom qed jingabru. L-intimata fil-fatt ma tellghet l-ebda prova konkreta, u ma semmiet l-ebda raguni valida ghalfejn hija se ssofri pregudizzju mhux proporzjonat ai termini ta' l-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta. Ir-ragunijiet li taghti l-intimata ghalfejn qeghda topponi ghat-talba tar-rikorrenti, m'humiex ragunijiet li juru li l-intimata se ssoffri xi pregudizzju jekk il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Attwalment ir-ragunijiet u l-argumenti kollha li semmiet l-intimata mhux se jigu affetwati jekk il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. Dan iktar u iktar in vista' tal-fatt li l-kwistjonijiet li qeghdin jinkwetaw lill-intimata, msemmijin fir-risposta taghha, bhall-manteniment, u l-fatt li l-konvenut rikorrenti ghadu fid-dar matrimonjali, jistghu jigu indirizzati anke *pendente lite*, izda zgur ma jistghux jitressqu quddiem il-Qorti bhala prova li l-intimata se tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat ai termini ta' l-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Pjuttost anzi, l-Qorti temmen li tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ser tkun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet.

Ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti hadd mill-partijiet m'hu ser isofri xi pregudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kull parti tista' ttella` l-provi li hemm bzonn fir-rigward tal-assi parafernali u l-komunjoni ta' l-akkwisti u tista' taghmel it-talbiet taghha *pendente lite* dwar manteniment u affarijiet ohra.

Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta, fejn l-Qorti qalet hekk, *"L-istess irid jinghad ghal dak kollu li jaqa' taht il-kappa tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew xi immobbli parafernali ta' l-istess partijiet stante li t-talba odjerna tkun applikabbli mid-data ta' dan id-digriet il-quddiem"*[2].

Ghar-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-konvenut rikorrenti datat 3 ta' Frar 2016 b'dan illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-kontendenti mil-lum il-quddiem huwa tas-separazzjoni tal-beni u qeghda tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien gimgha minn meta din is-sentenza preliminari tigi dikjarata *res judicata,* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Dep. Reg.

---

[2] Grima Christopher vs Grima Liliana sentenza deciza fid-9 t'Ottubru 2014 (Rikors Numru 85/2011) minn din il-Qorti.